# L-Edukazzjoni f'Ħal Tarxien ...ftit storja

Joseph G. DeBono

Fi żmien il-ħakma tal-kavallieri ftit nies kienu jafu jaqraw u jiktbu. L-edukazzjoni ma kinetx għal kulħadd; kienet xi ħaġa għall-ftit.

Mal-wasla tal-Franċiżi dawn ippruvaw iressqu l-edukazzjoni aktar lejn il-poplu iżda fil-qagħda qasira tagħhom ftit li xejn irnexxielhom jagħmlu.

Kien mal-wasla tal-Ingliżi li l-affarijiet bdew jiċċaqalqu sewwa. Fl-edukazzjoni il-ħakkiema l-ġodda raw opportunità tad-deheb biex idaħħlu l-kultura Ingliża f'Malta u permezz tagħha jibdew l-*Anglicisation of the Maltese*[1]. Fil-kostituzzjoni tal-1847 il-Gvernatur Richard O'Ferrall waqqaf, fost oħrajn, kumitat biex jieħu ħsieb l-edukazzjoni. Biex imexxi dan il-kumitat inħatar il-Kan. Paolo Pullicino (1815-1890)[2]. Il-Kanonku Pullicino mill-ewwel għaraf li poplu bla edukazzjoni ma jistax jirnexxi u min-naħa tiegħu, beda t-triq biex iressaq l-edukazzjoni lejn il-poplu. Kellu ħolma ta' edukazzjoni obbligatorja għal kulħadd – ħolma li kellu jgħaddi żmien mhux ħażin biex isseħħ.

Kien f'dan l-isfond li l-edukazzjoni bdiet tiżviluppa f'Malta u konsegwentament f'Ħal Tarxien.

Ta' min jgħid li dak iż-żmien Ħal Tarxien u Raħal Ġdid kienu meqjusa distrett wieħed għal dik li hi edukazzjoni[3].




*Is-sena 1889 u l-arma tal-Familja Rjali fuq il-faċċata tal-iskola l-ġdida.*

**Skejjel tal-Istat**

Waħda mill-ewwel inizjattivi li ħa l-Kumitat tal-Edukazzjoni kienet li jiftaħ skejjel fl-ibliet u fl-irħula. L-edukazzjoni provduta kellha tkun bla ħlas. F'Ħal Tarxien, fis-sena 1859 infetħu l-ewwel żewġ skejjel. F'Marzu infetħet skola għas-subien taħt is-Surmast Benedetto Borg. Din kellha l-ewwel klassi bi 63 tifel. F'April ta' wara s-Sinjura Marietta Canataci bdiet tmexxi l-iskola tal-bniet bi 83 tifla fl-ewwel klassi[4]. Meta tqis li l-popolazjoni kienet żgħira[5] u li l-edukazzjoni kienet totalment volontarja in-numri kienu nkoraġġanti. Fl-1878 fil-*Keenan Report* insibu li Ħal Tarxien kien wieħed miż-żewġt irħula li kellhom skola bir-raba' klassi għalkemm in-numri ftit kienu żdiedu għax kien hemm 82 tifel u mitt tifla jattendu l-iskejjel[6].

Aktar ma għadda ż-żmien aktar żdiedu t-tfal jattendu l-iskejjel. Il-gvern iddeċieda li jibni numru ta' skejjel fosthom waħda f'Ħal Tarxien. Fl-1889 inbniet skola kif kienu jifhmu dak iż-żmien: binja maqsuma fi tnejn, parti għas-subien u parti għall-bniet. Il-faċċata tal-iskola hija ta' stil tipikament Ingliż. Biex jemfasizzaw li huma kienu l-ħakkiema l-ġodda fuq l-opra morta għamlu l-arma tal-Familja Rjali Ingliża skolpita fil-ġebel. Fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin din l-iskola kienet tintuża għall-klassijiet infantili wara li nfetħu skejjel oħra għall-klassijiet elementari. Sa ftit ilu kienet tintuża bħala *kindergarten.*

L-iżvilupp tat-tarzna navali u dak ta' *porto nuovo* fil-Marsa[7] ġibdu lejn l-inħawi ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid għadd ta' nies li bdew jaqilgħu ħobżhom mill-port. Fl-1890 il-popolazzjoni tar-raħal kienet ta' 1940[8]. Sal-1901 kienet żdiedet għal 2065[9] u dik ta' Raħal Ġdid telgħet għal 2,812[10]. Din iż-żieda ħolqot il-bżonn ta' skejjel akbar. Il-Gvern dawwar ħarstu lejn djar kbar li setgħu jintużaw għal dan l-iskop. Fl-ewwel kwart tas-seklu għoxrin insibu skola tas-subien f'Casa le Fevre b'E.B. Vella bħala surmast u skola tal-bniet f'Dar Lanzon b'Victoria Falzon bħala sinjora.



*Kburin bit-tazzi li rebħu fl-*Empire Day. *Is-Subien ta' Casa le Fevre fil-bidu tas-snin tletin.*

Fl-1922 kien hemm pass ieħor lejn edukazzjoni obbligatorja għal kulħadd. L-att ta' dik is-sena obbliga lill-ġenituri li, ladarba jibdew jibagħtu lil uliedhom l-iskola jridu jibqgħu jibgħatuhom sakemm jilħqu l-eta ta' 14-il sena.

F'Ottubru tal-1923 twaqqfu tliet *Central Schools* f'Malta u waħda f'Għawdex. Dawn kienu ntenzjonati biex iħarrġu tfajliet u ġuvintur biex isiru għalliema. Waħda minn dawn l-iskejjel ġiet imwaqqfa f'Ħal Tarxien[11] f' Bowyer House[12]. Għalhekk nistgħu ngħidu li Ħal Tarxien kellu wieħed mill-ewwel kulleġġi għat-taħriġ tal-għalliema nisa.

E.B. Vella li kien surmast tal-iskola tas-subien kiteb li **'dan id-distrett (Ħal Tarxien u Raħal Ġdid) huwa wieħed mill-aqwa ċentri tat-tagħlim li għandu l-gvern'**.

Il-ħeġġa li wrew missirijietna għat-tagħlim ġielgħet lill-Gvern jibni skola kbira u moderna biex takkomoda lit-tfal tad-distrett. Din bdiet tinbena fl-1930 f'Tal-Borġ u kellha faċċata tagħmel ma' Raħal Ġdid u faċċata tagħmel ma' Ħal Tarxien. Fit-8 ta' Settembru1934 l-iskola ġiet inawgurata u ħadet l-ewwel studenti bniet[13].

Fl-1931 id-distrett tagħna seta' jiftaħar li kellu 1,505 studenti mqassmin f'ħames skejjel. It-taqsim kien hekk:

| | |
|---|---|
| Infantili subien | 274 |
| Infantili bniet | 267 |
| Elementari subien | 473 |
| Elementari bniet | 384 |
| Central School għat-tfajliet | 107[14] |

It-Tieni Gwerra Dinjija ħarbtet kollox. Il-binjiet tal-iskejjel ittieħdu mill-militar biex jakkomodaw is-suldati u l-esiġenzi tal-gwerra. Fost oħrajn l-iskola ta' School Street saret kwartieri tal-A.R.P. (Air Raid Precaution)[15]. B'konsegwenza ta' dan l-edukazzjoni tħarbtet.

Wara l-gwerra saru żviluppi mgħaġġla. Fl-1946 daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Edukazzjoni Obbligatorja. Issa kull min kien kellu tfal fir-responsabiltà tiegħu kien obbligat bil-liġi li jibgħathom l-iskola. Dan il-pass flimkien mal-*baby boom* ta' wara l-gwerra[16] żiedu mhux ftit il-pressjoni fuq il-wisgħa fl-iskejjel ta' Lanzon u Bowyer House. Sal-1957 il-popolazzjoni tar-raħal splodiet għal 7,706[17]. Kull rokna u kuridur u, biex ngħid hekk, kull toqba fl-iskejjel inbidlet fi klassi.



*Standard 2 f'Bowyer House fis-sena 1955/56*

F'Bowyer House, saħansitra l-gallinar li kien hemm fil-ġnien inbidel fi klassi. Kelli esperjenza personali fis-sena 1958-59 meta sħabi u jien konna f'din il-klassi u waqt ix-xita s-saqaf tal-pjanċi kien joqtor fuqna[18].

Din is-sitwazzjoni kienet insostennibbli. Lejn l-aħħar tas-snin ħamsin beda jinħaseb biex tinbena skola ġdida u moderna biex it-tfal, speċjalment ta' Ħal Tarxien, ikollhom fejn jiġu edukati kif jixirqilhom. Saru studji biex tintgħażel biċċa art adattata għal dan il-għan. Fost is-suġġerimenti kien hemm dik l-għalqa fi Triq Santa Marija fejn illum hemm il-bandli. L-esperti ħasbu li din kienet se tkun viċin wisq l-iskola ta' Triq Santa Monika. Fl-aħħar intgħażlet għalqa magħrufa bħala Ġnien in-Nar, biċċa art bejn il-knisja parrokkjali tagħna u l-*Bye Pass* tal-Barrani, triq li kienet għadha kif infetħet. Din l-iskola kienet intenzjonata li taqdi l-ħtiġijiet tat-tfal ta' Ħal Tarxien u dawk ta' Santa Luċija, raħal li kien qiegħed jiżviluppa n-naħa l-oħra tal-*Bye Pass*. Din l-iskola ħadet l-ewwel studenti fil-bidu tas-snin sittin. Aktar tard parti minnha ntużat bħala skola sekondarja tal-bniet u issa qiegħda tintuża bħala *middle school.*

**Skejjel Oħra**

Barra l-iskejjel tal-Gvern, Ħal Tarxien kellu, u għad għandu, skejjel oħra.

Fl-1874 ċertu Dun Franġisk Caruana, qassis minn Ħal Tarxien ġie awtorizzat minn Mons. Mikielanġ Mifsud biex ħdejn id-dar tiegħu fi Triq Ħal Tarxien jibni knisja dedikata lil San Ġużepp[19]. Wara l-binja kien hemm biċċa art kbira li aktar tard dan il-qassis offriha lill-Patrijiet il-Bojod ta' Kardinal Lavigerie. Fuq din l-art il-patrijiet bnew kulleġġ li fih fetħu istitut għall-edukazzjoni ta' ġuvintur Afrikani. Wħud minn dawn irnexxielhom jagħmlu isem fil-ħidma tagħhom fl-Afrika. Sfortunatament mal-mewt tal-Kardinal Lavigerie l-istitut ingħalaq. F'Settembru tal-1896 l-aħħar Patrijiet Bojod u żgħażagħ Afrikani ħallew Malta[20]. Wara l-binja nxtrat minn Suor Marija Saverja Schembri, soru tal-Karità. L-għan kien li fiha titwaqqaf il-*Casa Madre* tal-provinċja. L-ewwel sorijiet ġew joqgħodu Ħal Tarxien fis-6 ta' Ġunju 1902[21]. Barra hekk, is-sorijiet fetħu skola għall-bniet. F'din l-iskola kienu jgħallmu snajja' bħal rakkmu, ċombini u ħjata, naturalment barra li jipprovdu formazzjoni nisranija. L-iskola bl-isem *Immaculate Conception High School* baqgħet tiżviluppa u kienu ħafna t-tfajliet, illum nisa

u nanniet, li ħadu l-formazzjoni tagħhom għad-dell tal-Immakulata. Illum l-iskola kibret tant li l-klassijiet tal-primarja qegħdin jiġu offruti f'bini fil-Gudja waqt li l-iskola ta' Ħal Tarxien isservi bħala skola sekondarja.

Binja oħra li għandha storja u tat sehem fl-edukazzjoni tat-Tarxiniżi taf il-bidu tagħha lil saċerdot ieħor. Din il-binja llum tinsab f'idejn il-Patrijiet Agostinjani. Oriġinat bħala *Oratorio San Luigi,* imwaqqaf minn Dun Ġwann Mamo, qassis minn Bormla. Fl-1912 Dun Ġwann waqqaf dan l-oratorju bil-ħsieb li, barra li jipprovdi formazzjoni spiritwali, joffri wkoll tagħlim ta' snajja' bħal karpintieri, stampaturi, skrapan u ħajjata. Nistgħu ngħidu li din kienet l-ewwel, u sfotunatament l-aħħar, skola tas-snajja' f'Ħal Tarxien. Kienu ħafna l-ġuvintur li tgħallmu xi sengħa mill-oratorju. Saħansitra tnejn minnhom, Dun Manwel Mifsud u Dun Mikiel Vella qabdu t-triq għas-saċerdozju.

Dan l-oratorju ingħalaq u l-binja għaddiet f'idejn il-Gvern li krieha lill-*Istituto Umberto Primo,* istitut li kellu l-iskola prinċipali tiegħu fil-Belt. Il-binja ta' Ħal Tarxein bdiet tintuża bħala estensjoni ta' dik tal-Belt. Dak iż-żmien il-Gvern Ingliż kien qiegħed jagħmel minn kollox biex inaqqas l-influwenza Taljana minn Malta. Fis-26 ta' Diċembru tal-1933 saħħaħ regolamenti biex jikkontrolla l-attività tal-*Istitut Umberto I.* Dan ma setgħax ikollu aktar minn 330 student u dawn ta' Nazzjonalità Taljana u mhux aktar minn 25 fil-mija mill-għalliema setgħu ikunu Taljani[22]. Naturalment, meta l-Italja daħlet fil-gwerra l-istitut Taljan waqaf jiffunzjona.

Fil-gwerra, il-bini ġie meħud mill-A.R.P. wara li dawn telqu mill-iskola ta' School Street. Wara l-gwerra is-*Central School* ta' Bowyer House imxiet għal din il-binja u aktar tard infetħet skola sekondarja tal-bniet mill-istat.

Fl-1948 il-Patrijiet Agostinjani ħadu f'idejhom il-bini li kien imħolli lilhom minn Dun Ġwann Mamo bis-saħħa tat-testment tiegħu tad-29 ta' Ottubru 1935[23]. Meta l-Gvern għalaq l-iskola sekondarja l-bini kollu għadda f'idejn il-Patrijiet li fetħu fih il-Kulleġġ Santu Wistin. Dan baqa' f'Ħal Tarxien sa nofs is-snin sebgħin meta ġie meħud f'Tal-Pietà.

Minn hawn jidher li Ħal Tarxien mexa fuq kliem Dioġine: "It-tagħlim taż-żgħar huwa l-veru pedament ta' kull stat". Ir-raħal tagħna ta kontribut għall-iżvilupp tal-edukazzjoni mhux biss tan-nies tar-raħal, iżda anke fuq livell nazzjonali. Aħna t-Tarxiniżi u n-nies tal-inħawi aħna dak li aħna llum b'riżultat ta' dawn il-160 sena ta' Storja.

**Referenzi**


1 Calleja James – The Evolution of Education in Malta a philosophy in the making
2 Ibid
3 Vella E.B. – Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid (Pawla) p.280
4 Op. Citata p. 281
5 Fl-1861 il-popolazzjoni ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid kienet ta' 1750
6 Ibid.
7 Ellul Galea Alfred – Raħal Ġdid 5000 sena ta' storja 100 sena Parroċċa p.23
8 Castagna P.P. - Storja ta' Malta bilGżejjer tahha Vol.3 p.41
9 Battistiino Vincent – Ħal Tarxien p.256
10 Ellul Galea Alfred – Raħal Ġdid 5000 sena ta' storja 100 sena Parroċċa p.26
11 Vella E.B. – Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid (Pawla) p.281
12 Din il-binja oriġinarjament kienet il-villa tal-vileġġjatura tal-Isqof Abela
13 Ellul Galea Alfred – Raħal Ġdid 5000 sena ta' storja 100 sena Parroċċa p. 31
14 Op.citat p.282
15 Battistino Vincent – Ħal Tarxien p. 183
16 Il-popolazzjoni ta' Ħal Tarxien fl-1948 kienet telgħet għal 4607 (ara Battistino Vincent – Ħal Tarxien p.255)
17 Battistino Vincent – Ħal Tarxien p.253
18 Dik is-sena l-ħames klassi kienet fdata lis-Sur Ernest Balzan li mnn hawn insellimlu.
19 Battistino Vince – Ħal Tarxien p.128
20 Vella E. B. – Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid (Pawla) p.285
21 Op. Citat p.286
22 Ardizzione Pietro – Studi Maltesi p.71
23 Battistino Vincent – Ħal Tarxien p.136